KLR 9/V/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2009 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-Viċi Sindku Marċel Tabone.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Is-Sindku talab lill-membri sabiex ikunu preżenti waqt l-attivita' ta' l-Istrina 2009 li qed tiġi organiżżata mill-President ta' Malta, l-Onor. George Abela, nhar is-26 ta' Diċembru 2009 fi Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill ser jagħti donazzjoni żgħira ta' €100. Minbarra li l-Kunsill ser jiprovdi t-tinda l-kbira li s-soltu tintuża għall-attivita' ta' lejljiet l-ewwel tas-sena il-membri qablu li jinkrew il-*floodlights* sabiex ikun hemm id-dawl għal filgħaxija.

1.2 Il-membri qablu li jintalab lill-Enemalta sabiex possibilment il-*metre* li jipprovdi d-dawl lill-*fairy lights* ta' Pjazza Indipendenza jingħalaq b'tali mod li ma jkunx jista' jittieħed elettriku minnu. Dan għandu jibqa' fil-post għall-użu tal-Kunsill.

1.3 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li attenda għal laqgħa ma rappreżentatni tal-MEPA fuq il-Pjan Lokali. Din talbitha l-Ministru għal Għawdex rigward l-*area* tal-*playing field* u l-grawnd Leli Farruġia. Il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex jaqblu li ma jinbidilx l-użu jew id-daqs ta' l-*areas* in-kwistjoni. Pero' l-MEPA xorta qed topponi u taqbel li ssir it-triq oriġinarjament proposta f'PC 93/03, liema triq minn wara The Duke tieħdok dritt għall parkeġġ il-kbir u tgħaddi mill-grawnd.

**2. Attivitajiet tal-Milied u ta' l-Aħħar tas-Sena**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li 'Unforgettable' mhix ser issir peress li ma nġabrux *sponsors* biżżejjed għal din l-attivita'. Għall l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena (minbarra l-i*sponsors* ikkonfermati u msemmija f'KLR 8/V/2009), d-Downtown Hotel offriet l-akkomodazzjoni b'xejn tal-Maltin li ser jipparteċipaw f'din l-attivita'. Il-Coca Cola (minbarra l-i*sponsor* ta' €2,000) ser jarmaw tmin tined għall-*bars* li jħallsu l-permess tal-Kunsill. Il-Good Causes Fund għadha ma kkonfermatx l-i*sponsor*.

Infetħu l-isitmi tal-kiri tas-sound. Kien hemm tlieta kif jidher hawn:-

| | |
|---|---|
| Antoine Farruġia | €7,000 |
| Ronnie Dimech | €3,186 u l-*extras* |
| Antoine Debrincat | €4,500. |

Il-membri qablu li l-Kunsill jiltaqa' ma l-aħħar tnejn sabiex tittieħed deċiżjoni fuq l-aktar stima vantaġjuża.

**3. Skrivan ġdid fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill**

Is-Segretgarja Eżekuttiva resqet ir-rapport tal-Bord li għamel l-intervisti. Dan jinsab f'dokumnet A. Il-persuna li ġabet l-aktar punti wara li saru l-intervisit kien Joebert Galea , karta ta' l-identita' numru 5474(G) b'64 punt. Il-membri qablu li dan jiġi mqabbad bħala skrivan ġdid mal-Kunsill minn Jannar 2010 il-quddiem. Id-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali għandu jiġi mgħarraf b'dan.

**4. Servizz ta' mini train**

Is-Sinkdu għarraf lill-membri li diversi entitajiet huma nteressati li joffru servizz ta' *mini train* fir-Rabat. Il-membri qablu ma din il-porposta, anke' wara diversi presentazzjonijiet li kienu saru lill-Kunsilli preċedenti. Għaldaqstant qablu li ssir talba lill-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) sabiex fir-Rabat jiġi offrut servizz simili għal dak li hemm fl-Imdina f'Malta.

**5. Korrispondenza**

Is-Segretaja Eżekuttiva resqet din il-korrispondenza mingħand:-

5.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar l-allokalzzjoni finanzjarja għas-sena 2010. Is-sena finanzjarja ser tibda' tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru 2010. L-allokazzjoni għas-sena li jmiss hi ta' €431,170. Din żdiedet b'€51,270;

5.2 l-ADT fejn:-
5.2.1 bgħatu lista ta' parkeġġi riservati għall persuni b'diżabilita' li huma bil-permess;
5.2.2 intbagħatet talba għall-permess ta' Paul Lanzon, 'Paulsyl', Triq Fortunato Mizzi, għall-parkeġġ tal-persuni b'diżabilita';
5.2.3 inħareġ il-permess sabiex teħel *road hump* fl-*area* taċ-Ċawla H.E;

5.3 Baron Group Ltd. fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex titneħħa bozza minn ma bini fi Triq Karlu Galea. Dan peress li l-bini ser jitwaqqa'. Il-membri qablu;

5.4 il-MEPA fejn:-
5.4.1 il-PA 05229/07 (biex jitranġaw t-toroq taċ-ċentru tar-Rabat b'pavimentar ġdida u *water culverts*, etc.) ġiet irtirata wara li l-Kunsill ma weriex x-xewqa li jipproċedi bl-applikazzjoni;
5.4.2 mill-uffiċċju ta' l-Ing. Ray Piscopo intalbu d-dettalji dwar it-tkomplija tal-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Dan għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill twaqqaf mid-Dipartiment milli jipproċedi bix-xogħol minħabba li ntablu diversi dettalji. Għandu jiġi nfuramt ukoll li l-*contracts managers*

tad-dawl qed jifinaliżżaw ir-rapport tagħhom fuq l-offerti tal-provediment tad-dawl ta' din il-pjazza;

5.5 Keen Advertising Ltd. fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex titpoġġa *billboard* fi Triq l-Imġarr. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li jkun hemm il-permessi tal-MEPA u ma jingħata ebda' dritt jew rikonoxxenza ta' titolu jew propjeta' fejn titpoġġa din il-*billboard*;

5.6 il-Kumitat għat-tismija tat-toroq fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bl-isem ta' tlett toroq ġodda li huma Triq Ġużeppi Spiteri, filantropu, 1929-2006, Triq Ġorġ Tabone, filantropu, 1841-1916 u Triq it-Tlieta u Għoxrin t'April;

5.7 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bil-permess li nħareġ mid-Dipartiment ta' l-artijiet għat-tqegħid ta' l-imwejjed u siġġijiet quddiem 'Tower Sandwich' fi Triq Enriko Mizzi;

5.8 il-Moviment ta' Kana Għawdex rigward il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb 2009;

5.9 Jesmond Arpa fejn ġibed l-attenzjoni li nqatet siġra fil-parkeġġ ta' meġenb l-Arkadia. Din sabiex ikun jista' jintrama palk għal attivita' organiżżata mill-Mc. Donalds fl-okkażjoni tal-World Children Day. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni ta' l-organaiżżaturi;

5.10 Kevin Sciberras fejn ressaq is-suġġeriment ta' Mons. Girgor Grech sabiex il-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza tiġi illuminata kif sar fl-istess pjazza. Billi l-Kunsill kien illumina biss il-pjazza ma jkunx jidher estetikament sew li tillumina bini barra l-*area* tal-pjazza. Barra minn hekk mhix *policy* tal-Kunsill li jillumina bini mhux tal-Kunsill jew tal-Gvern Ċentrali;

5.11 Darren Briffa fejn issuġġerixxa li jorganiżża klassijiet tal-kung fu u *self defence*. Il-Kunsill jaqbel li jippromwovi dan il-kors;

5.12 C.Sah fejn tablet lill-Kunsill sabiex jipprovdi l-post fejn tkun tista' torganiżża klassijiet tal-yoga. Il-Kunsill għandu jitlob għalll aktar dettalji;

5.13 Gordon u Joycee Grech li joqgħodu fi Triq Pawlu Portelli. Ressqu l-ilmenti fuq l-abbużi li qed ikun hemm f'din it-triq ikkawżati minn vetturi tqal. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex isiru l-*parking bays* u jeħlu tabelli biex isir ipparkjar minn vetturi żgħar biss.

## 6. Materji oħra

6.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-kumpanija Baron Group offriet tmien palmiet kbar b'xejn lill-Kunsill. Dawn ser jerġgħu jitħawlu fil-*playing field* ta' maġenb il-*Bus Terminus*. Il-membri qablu li billi tlesta x-xogħol ta' żbir tas-siġar, il-*playing field* għanda tinxtgħel proviżorjament bil-*floodlights*. Din il-kumpanija għandha tiġi rringrazjata permezz ta' ittra. Dan sakemm issir sistema ġdida u *energy saving* u sabiex jitnaqsu kemm jista' jkun l-abbużi u l-vandaliżmu f'dan il-post.

6.2 Il-kunsillier Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li jkun tajjeb meta kunsillier iressaq proposta dan jiġi nfurmat meta jkun ser isir ix-xogħol sabiex ikun jista' jmur fuq il-post mal-kuntrattur. Dan kif ġieli sar fil-passat. Issuġġerixxa li t-tiswija tad-dawl tal-*playing field* taċ-Ċawla jitħalla pendenti sa meta l-Kusnill ikollu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jirranġah. Is-Sindku informa lil membri illi skond l-electrician li ntbaghat fuq il-post, kien qal illi kif inhu fil-prezent ma jikkawza l-ebda periklu lir-residenti jew utenti tal-*playing field*. Fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja xejn felici ma kienx ghaqli li jintefqu iktar flus f' din is-sistema tad-dawl gialadarba ma hemmx periklu.

6.3 Il-kunsillier Schembri issuġerixxa li meta joħroġ il-permess sabiex Triq Mons. Luiġi Vella terġa tinfetaħ għat-traffiku bil-lejl, minflok it-tabelli eżistenti jeħlu tabelli ta' *speed limit.* Il-membri qablu.

Il-membri qablu li:-

6.4 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex:-
6.4.1 isir *yellow line* twil metru maġenb il-garaxx ta' George Cassar ta' 'Georita' Triq Mro. Dirjano Lanzon. Dan minħabba li ma jkunx jista' joħroġ il-karozza bil-vettrui pparkjati;
6.4.2 isiru zewg tabelli *no left turn* fi Pjazza Savina sabiex il-vetturi pparkjati quddiem il-knijsa ma jitilgħux lejn Triq Sir Adrian Dingli;
6.4.3 issir *Keep Clear* quddiem iż-żewġ entraturi tal-bini tal-Moviment ta' Kana u titranġa l-bankina sabiex issir aċċessibbli għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti;
6.4.4 isir *double yellow line* fi Triq Palma mil-ħanut 'Tax-Xelina' sad-dar bin-numru 89. Dan minħabba l-fatt li m'hemmx bankina u l-vetturi qed jipparkjaw eżatt mal-bini b'tali mod li r-residenti ma jkunux jistgħu jidħlu jew joħorġu;

6.5 tinkiteb ittra lis-sid ta' G&R Supermarket minħabba l-fatt li qed iħalli ħafna kaxxi tal-kartun barra u qed itiru mar-riħ u jħammġu t-triq;

6.6 ssir bankina żgħira quddiem id-dar ta' Carmel Cachia quddiem bini ġdid fi Triq Ċetta Mintoff;

6.7 jinxtara trofew għall-wirja tal-Gozo Bird Breeders Society ta' din is-sena;

6.8 jiġi mistoqsi lit-tlett klabbs tal-football jekk jużawx il-*metre* ta' l-ilma fil-grawnd Leli Farruġia. Jekk dan ma jintużax, għandu jinqata'.

6.9 titranġa l-problema taż-żamma ta' l-ilma tax-xita li hemm fi blokk KA f'taċ-Ċawla H.E. Dan kif kien hemm simili fi blokk KB;

6.10 jiġu suġġerit lill-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-toroq sabiex tisemma Triq l-10 ta' Ġunju 1887. Dan meta r-Rabat ġie mgħoti l-isem ta' Belt mir-Reġina Victoria;

6.11 jitqabbad Sunny Vella biex inaddaf Triq il-Ħamamiet mill-ħama' li trabba matul iż-żmien. Is-Sur Vella tefa' l-orħos prezz li hu ta' €450 bil-VAT. L-Istima l-oħra kienet ta' Joseph Mercieca li tqum €507.40, VAT inkluża.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-membri li ;-

6.12 l-Kunsill irċieva €912 li jkopru l-attivita' ta' Sports for All;

6.13 l-Kunsill ħallas l-ispejjes ta; €3119.06 lill-Thake Desira Advocates fuq il-kawża ta' Triq it-8 ta' Diċembru kontra Geroge u Miriam Grech. Dawn l-ispejjes għandhom jinqasmu ma Gatt Asphalting Ltd.;

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00.

| | |
|---|---|
| Dr.Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuittiv |